



28.2.2014

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1268/2010, imressqa minn Cristóbal Aguado Laza, ta' ċittadinanza Spanjola, f'isem l-Assoċjazzjoni Valenzjana tal-Bdiewa ASAJA, dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-insetti jew l-annimali qerrieda u l-mard tal-pjanti**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanti jitolbu li fid-dawl tad-dħul fis-seħħ imminenti ta' regolamentazzjoni fitosanitarja aktar stretta fl-UE, il-prodotti fitosanitarji rtirati mis-suq permezz ta' deċiżjoni Komunitarja jergġu jiġu inklużi fir-Regolament. Huma jargumentaw li dawn il-prodotti huma importanti għall-kontroll ta' insetti jew annimali qerrieda ġodda fit-territorju Komunitarju u jitolbu li l-istandards tal-importazzjoni tal-prodotti tal-pjanti minn pajjiżi terzi jsiru eħrex. Huma jitolbu li l-kunċett tat-tolleranza ta' importazzjoni (imsemmi fir-Regolament 396/2005) ma jkunx applikabbli u li l-aġenti kummerċjali kollha li joperaw fit-territorju Komunitarju kollu jkunu soġġetti għall-istess regoli u, għaldaqstant, il-prodotti mill-pjanti għandu jkollhom l-istess valuri limitu ta' residwi ta' pestiċidi, irrelevanti mill-oriġini tagħhom.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-21 ta' Jannar 2011. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-18 ta' Lulju 2011

Il-petizzjoni qed tindirizza tliet kwistjonijiet differenti, kull waħda minnhom irregolata minn settijiet speċifiċi ta' leġislazzjoni jew prassi komuni tal-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni tipponi li kull waħda minnhom tiġi trattata individwalment.

a) Estensjoni ta' proċedura aċċellerata biex jiġu awtorizzati sustanzi attivi għall-protezzjoni tal-pjanti

Il-petizzjonant jirreferi għas-sustanzi attivi li jinsabu fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li minħabba deċiżjoni tal-Kummissjoni ma ġewx inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Dawn is-sustanzi attivi kienu parti minn programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li ġie stabbilit biex jirrevedi, skont l-istandards tal-UE, is-sustanzi attivi preżenti fis-suq tal-Istati Membri f'Lulju 1993. Minħabba dak il-programm ta' reviżjoni ġew inklużi aktar minn 300 sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Skont din id-Direttiva, l-approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi għandhom jiżguraw standard għoli ta' protezzjoni. Għalhekk, dawn is-sustanzi attivi ġew evalwati skont ir-rekwiżiti fl-Anness II u fl-Anness III tad-Direttiva 91/414/KEE u ġew approvati abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju skont il-kriterji fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE. L-użu tagħhom fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jitqies bħala sikur għall-bniedem, l-annimali u l-ambjent. Aspett tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet huwa wkoll biex jiggarantixxi - kull meta jkun possibbli – id-disponibilità ta' firxa wiesgħa ta' sustanzi attivi differenti pereżempju mill-perspettiva tal-ġestjoni tar-reżistenza.

Wara r-rapport ta' progress ippreżentat mill-Kummissjoni skont id-Direttiva 91/414/KEE, il-Parlament Ewropew permezz tar-Riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 u l-Kunsill permezz tal-Konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2001 talbu lill-Kummissjoni tirrevedi d-Direttiva 91/414/KEE u identifika numru ta' kwistjonijiet biex jiġu indirizzati mill-Kummissjoni. Id-Direttiva se titħassar u se tiġi sostitwita mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 li se jkun applikabbli fl-Istati Membri kollha mill-14 ta' Ġunju 2011 'il quddiem. Dan ir-Regolament jieħu inkonsiderazzjoni l-konklużjonijiet tal-Parlament Ewropew, l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni tad-Direttiva 91/414/KEE u l-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi riċenti.

Sabiex jiġi żġurat li d-diversifikazzjoni tal-agrikoltura u tal-ortikoltura ma tiġix ipperikolata minħabba n-nuqqas ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli, ir-Regolament jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-użi minuri. F'dan il-kuntest, skont l-Artikolu 51(9) u sa mhux aktar tard mill-14 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' fond Ewropew għall-użi minuri, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, proposta leġiżlattiva. F'dan ir-rigward, "l-użu minuri" jfisser l-użu ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti fl-uċuħ tar-raba' li (i) mhumiex imkabbra b'mod mifrux f'dak l-Istat Membru jew (ii) li huma mkabbra b'mod mifrux, sabiex tiġi ssodisfata l-ħtieġa eċċezzjonali tal-protezzjoni tal-pjanti.

Il-petizzjonanti jitolbu li "l-proċedura aċċellerata tiġi estiża b'mod immedjat għas-sustanzi attivi kollha li huma kklassifikati mill-ġdid, jiġifieri dawk li tneħħew permezz ta' deċiżjoni Komunitarja u li fir-rigward tagħhom bħalissa, qed issir applikazzjoni ġdida biex jiġu inklużi."

Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata huma deskritti biċ-ċar fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 u huma dawn li ġejjin:

“Meta sustanza tat-tieni, it-tielet jew ir-raba’ stadju kienet is-suġġett ta’ Deċiżjoni ta’ noninklużjoni skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE, u tħejja abbozz ta’ rapport ta’ valutazzjoni, kwalunkwe persuna li ħadet sehem bħala notifikant fil-proċedura li wasslet għal dik id-deċiżjoni jew kwalunkwe persuna li bi qbil man-notifikant oriġinali ssostitwietu għall-għanijiet ta’ dan ir-Regolament, tista’ tippreżenta applikazzjoni skont il-proċedura aċċellerata prevista fl-Artikoli 14 sa 19 ta’ dan ir-Regolament. Applikazzjoni tali trid tiġi ppreżentata fi żmien sitt xhur mid-data ta’ publikazzjoni tad-deċiżjoni ta’ noninklużjoni fir-rigward ta’ sustanzi tat-tielet u r-raba’ stadju, jew, fi żmien sitt xhur mid-data ta’ dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament fir-rigward ta’ sustanzi tat-tieni stadju.”

Din il-proċedura aċċellerata tkopri 74 sustanza attiva. Din il-proċedura tapplika għal 10 sustanzi attivi li mhumiex inklużi fil-qafas tat-tieni stadju tal-programm ta’ reviżjoni u għal 64 sustanza attiva mneħħija volontarjament matul it-tielet stadju tal-programm ta’ reviżjoni (49 sustanza; kollha elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE) u matul ir-raba’ stadju tal-programm ta’ reviżjoni (15-il sustanza; kollha elenkati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/941/KE). Wieħed jista’ jsib deskrizzjoni ġenerali ta’ dawn is-sustanzi attivi fid-Dokument SANCO 01896/2008, Rev. tal-21 ta’ Jannar 2011<sup>1</sup> (Sottomissjoni mill-Ġdid tal-Aplikazzjonijiet għall-Inklużjoni ta’ Sustanzi Attivi li Mhumiex Inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE).

Il-proċedura aċċellerata hija mfassla b’tali mod li tippermetti lill-Kummissjoni tieħu deċiżjoni abbażi ta’ dossier aġġornat qabel id-data li fiha, skont id-deċiżjonijiet ta’ noninklużjoni, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawk is-sustanzi attivi.

Sabiex tkun tista’ titlesta l-analiżi ta’ dawk is-sustanzi, il-perjodu li fih Stat Membru għandu jirtira l-awtorizzazzjonijiet fir-rigward ta’ dawk is-sustanzi ġie estiż mill-31 ta’ Diċembru 2010 sal-31 ta’ Diċembru 2011 permezz tar-Regolament (UE) Nru 741/2010.

## Konklużjoni

Meta jkunu qed jiġu evalwati s-sustanzi attivi, jeħtieġ li jiġi żgurat livell għoli ta’ protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, filwaqt li fl-istess ħin tiġi garantita - kull meta jkun possibbli - id-disponibilità ta’ firxa wiesgħa ta’ sustanzi attivi differenti. Għalhekk, is-sustanzi attivi kollha, li kienu parti mill-programm ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE, ġew evalwati skont ir-rekwiżiti u l-kriterji tal-UE. Il-proċedura aċċellerata ġiet applikata għal grupp limitat ta’ sustanzi li jissodisfaw il-kriterji stipulati fir-Regolament (KE) Nru 33/2008. Madankollu, biex l-approvazzjoni tas-sustanzi attivi tkun aċċellerata, ġew stabbiliti skadenzi stretti għall-passi proċedurali differenti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 li ġie adottat wara li saru diskussjonijiet estensivi mal-partijiet involuti kollha. L-UE mhijiex indifferenti għall-problemi li qed jiltaqgħu magħhom il-bdiewa. Għalhekk, ir-Regolament fih dispożizzjonijiet speċifiċi għall-użi minuri biex jiġi żgurat li d-diversifikazzjoni tal-agrikoltura u tal-ortikoltura ma tiġix ipperikolata minħabba n-nuqqas ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti disponibbli. F’dan ir-rigward, id-detentur tal-awtorizzazzjoni, korpi uffiċjali jew xjentifiċi involuti fl-attivitajiet agrikoli, organizzazzjonijiet agrikoli professjonali jew utenti professjonali jistgħu jitolbu li l-

<sup>1</sup> [http://ec.europa.eu/food/plant/protection/evaluation/resubmission\\_table\\_rev08062009.pdf](http://ec.europa.eu/food/plant/protection/evaluation/resubmission_table_rev08062009.pdf).

awtorizzazzjoni ta' prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, li huwa diġà awtorizzat fl-Istat Membru kkonċernat, tiġi estiża għall-użi minuri li għadu mhux kopert b'dik l-awtorizzazzjoni. Skont dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni wkoll għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' fond Ewropew għall-użi minuri sal-14 ta' Diċembru 2011.

b) Żieda fil-kontroll fuq is-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea tal-insetti jew l-animali qerrieda u l-mard minn pajjiżi terzi

Is-sistema tal-Unjoni tas-saħħa tal-pjanti (CPHR), inklużi r-rekwiżiti tal-importazzjoni dwar is-saħħa tal-pjanti (fitosanitarji), hija bbażata fuq id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE. Fl-2008, il-Kummissjoni ddeċidiet, minħabba d-diversi fatturi problematiċi (pereżempju l-globalizzazzjoni tal-kummerċ, il-bidliet fil-mudelli ta' kummerċ u l-ħolqien ta' kummerċ ġdid) li jeħtieġ li s-CPHR tiġi evalwata. L-evalwazzjoni saret fl-2009-2010 u wasslet għal deċiżjoni biex tiġi riveduta u aġġornata l-liġi dwar is-saħħa tal-pjanti tal-UE. Il-partijiet interessati ġew involuti fil-biċċa l-kbira tal-proċess li għaddej. Wieħed mill-elementi li għandu jiġi rivedut huwa s-sistema ta' importazzjoni b'attenzjoni partikolari għall-kummerċ b'riskju għoli (partikolarment: kummerċ fil-pjanti għat-tħawwil/materjal ta' propagazzjoni u kummerċ ġdid). Is-CPHR riveduta għandha fost l-oħrajn tipprevjeni, b'mod aktar effettiv, id-dħul ta' insetti jew animali qerrieda tal-pjanti minn pajjiżi terzi, pereżempju, permezz ta' rispons aktar rapidu għar-riskji li qed jinħolqu. Il-proposti legali mill-Kummissjoni huma skedati għall-2012. Il-petizzjonanti huma mistiedna jikkonsultaw l-informazzjoni estensiva dwar ir-reviżjoni tas-CPHR fuq il-websajt tal-Kummissjoni fuq [http://ec.europa.eu/food/plant/strategy/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/food/plant/strategy/index_en.htm).

Konklużjoni

Attwalment, il-Kummissjoni qed tirrevedi u taġġorna l-liġi dwar is-saħħa tal-pjanti tal-UE inkluża s-sistema ta' importazzjoni. Il-proposti legali mill-Kummissjoni huma skedati għall-2012. Il-petizzjonanti huma mistiedna jipparteċipaw f'dan il-proċess. Il-Kummissjoni tqis il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati tas-sistema tas-saħħa tal-pjanti bħala element ewlieni tar-reviżjoni u tal-valutazzjoni tal-impatt.

c) L-eliminazzjoni fl-Unjoni Ewropea tal-kunċett ta' "tolleranzi tal-importazzjoni" tar-residwi għall-protezzjoni tal-pjanti minn pajjiżi terzi

L-użu tal-kunċett ta' "tolleranzi tal-importazzjoni" (jiġifieri Livell Massimu ta' Residwi (MRL) għall-prodotti importati) huwa rikjest mir-regoli tal-kummerċ internazzjonali. L-UE għandha obbligi internazzjonali li ma jippermettux lill-UE timblokka l-importazzjoni tal-komoditajiet ittrattati bil-pestiċidi, sakemm ma jkunx hemm raġuni valida, pereżempju f'każ li l-livell ta' residwi li għadhom preżenti fil-komodità ma jkunx sikur għall-konsumaturi tal-UE. Dan l-obbligu m'għandux x'jaqsam mal-fatt jekk l-istess pestiċida tintużax fl-UE wkoll jew le. Għalhekk, m'hemm ebda raġuni li għaliha l-UE għandha tirrifjuta l-istabbiliment ta' livell massimu ta' residwi għall-pestiċidi li setgħu ntużaw fuq il-prodotti importati. Tali MRL jista' jiġi stabbilit biss abbażi ta' preżentazzjoni ta' fajl komprensiv evalwat fuq bażi ta' xjenza konkreta. F'każ li din l-evalwazzjoni jkollha riżultat pożittiv, l-UE mbagħad tiddeċiedi dwar il-livell tal-użu ta' pestiċidi li jkun sikur għall-konsumaturi. L-użu tal-kunċett, li jintuża b'mod simili mill-imsieħba kummerċjali tal-UE jippermetti l-esportazzjoni tal-prodotti agrikoli mill-UE għall-pajjiżi terzi kollha sakemm dan ikun sikur għall-konsumaturi f'dawn il-pajjiżi. Bl-istess mod, huwa jippermetti l-importazzjoni ta' prodotti agrikoli minn pajjiżi terzi fl-UE sakemm dan ikun sikur għall-konsumaturi fl-UE. Li kellu tali kunċett ma jintużax mill-UE u mill-imsieħba kummerċjali tagħha, kieku l-produtturi tal-inbid Spanjoli, pereżempju, ma jibqgħux jitħallew jesportaw l-inbid lejn pajjiżi bħall-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ġappun, pajjiżi li fihom mhumiex awtorizzati ċerti pestiċidi użati legalment fi Spanja.

Huwa minnu li diversi pestiċidi użati f'pajjiżi terzi mhumiex awtorizzati fl-UE. F'bosta każijiet dan ma jsehx minħabba raġunijiet ta' sikurezza tal-konsumatur. It-tqegħid fis-suq jista' ma jħallix qligħ ekonomikament u minħabba f'hekk il-manifattur ma jkunx lest li jħallas il-prezz għar-reġistrazzjoni fl-UE. F'każijiet oħra, hemm bżonn ta' pestiċidi differenti biex jiġu kkontrollati l-insetti jew l-annimali qerrieda li ma jinsabux fl-UE jew f'uċuħ tar-raba' li mhumiex imkabbra fl-UE. F'tali każijiet, il-prodotti ttrattati fl-UE jistgħu jiġu importati meta tiġi stabbilita t-tolleranza tal-importazzjoni. Tolleranza tal-importazzjoni tiġi stabbilita biss meta jiġi ppreżentat u evalwat dossier mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) li juri li r-residwi mhumiex ta' riskju għall-konsumatur. F'każ li dawn ir-residwi ma jkunux sikuri għal xi gruppi ta' konsumaturi tal-UE, ma tingħata ebda tolleranza tal-importazzjoni.

## Konklużjoni

L-eliminazzjoni tal-kunċett ta' "tolleranzi tal-importazzjoni" la hija fl-interess tal-bdiewa tal-UE u lanqas ma tidher li hija possibbli, u dan minħabba l-obbligi internazzjonali tagħna. Għalhekk, il-Kummissjoni tiskoraġġixxi azzjonijiet li jbiegħdu mill-kunċett ta' "tolleranzi tal-importazzjoni".

### **4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Awwissu 2013**

Wara l-aħħar informazzjoni riċevuta, il-Kummissjoni tista' tipprovdi aġġornament fir-rigward tat-tieni kwistjoni tal-petizzjoni (Żieda fil-kontroll fuq is-saħħa tal-pjanti fl-Unjoni Ewropea tal-insetti jew l-annimali qerrieda u l-mard minn pajjiżi terzi).

Fir-rigward taż-żewġ elementi l-oħra tal-petizzjoni, jiġifieri l-awtorizzazzjoni ta' sustanzi attivi għall-protezzjoni tal-pjanti (parti I) u r-reċiproċità (parti III), ir-risposta pprovduta bil-miktub mill-Kummissjoni fit-18 ta' Lulju 2011 u matul il-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-8 ta' Mejju 2012 għadha tista' titqies bħala komprensiva u aġġornata.

Wara l-evalwazzjoni (2009-2010) u r-reviżjoni (2010-2011) mill-Kummissjoni tas-sistema tas-saħħa tal-pjanti tal-UE, ġiet żviluppata proposta leġiżlattiva għal Regolament dwar miżuri protettivi kontra insetti jew annimali qerrieda tal-pjanti, li ġiet adottata fis-6 ta' Mejju 2013 (COM(2013) 267 finali).

Ir-Regolament propost għandu jipprovdi għodod ġodda għal aktar protezzjoni kontra insetti jew annimali qerrieda tal-pjanti ġodda li jaslu fl-Unjoni ma' pjanti jew prodotti mill-pjanti minn pajjiżi terzi, flimkien ma' miżuri ġodda biex tiġi żgurata detezzjoni bikrija u eradikazzjoni immedjata ta' tifqigħat ta' tali insetti jew annimali qerrieda ġodda. Għal dan il-għan, ikun meħtieġ sħarriġ obbligatorju mill-Istati Membri fit-territorji tagħhom għal tifqigħat ta' insetti jew annimali qerrieda regolati u li jiġu stabbiliti regoli ċari fir-rigward tal-eradikazzjoni tal-insetti jew l-annimali qerrieda. Se jkun ipprovdut appoġġ finanzjarju mill-Unjoni lill-Istati Membri biex iwettqu dan l-istħarriġ u lill-operaturi kkonċernati għall-valur mitluf ta' materjal mill-pjanti meqrud għall-finijiet ta' eradikazzjoni tat-tifqigħat.

Is-sistema se tiġi mmodernizzata wkoll fir-rigward tal-movimenti ta' pjanti u prodotti mill-pjanti fl-Unjoni, li tirriżulta fit-tnaqqis tal-piż finanzjarju u l-ispejjeż għall-operaturi.

Il-petizzjonanti huma mistiedna jikkonsultaw l-informazzjoni estensiva dwar il-proposta legali u l-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha fuq il-websajt tal-Kummissjoni fuq [http://ec.europa.eu/food/plant/plant\\_health\\_biosafety/rules/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/food/plant/plant_health_biosafety/rules/index_en.htm).

## **5. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Frar 2014**

Minbarra l-informazzjoni pprovduta qabel dwar din il-petizzjoni, ġie offrut aġġornament fir-rigward tal-kwistjonijiet dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li tqajmu fil-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-5 ta' Diċembru 2013 b'rabta mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u r-Regolament (KE) Nru 396/2005 dwar l-istabbiliment ta' livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi (MRLs).

### **Parti I: Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti**

#### Użi minuri:

Skont l-Artikolu 51(9) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009<sup>1</sup> dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-Kummissjoni hija meħtieġa tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istabbiliment possibbli ta' fond għall-użi minuri.

Ir-rapport kellu jitlesta sa Diċembru 2011, iżda minħabba konsultazzjonijiet fit-tul ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni, u aktar prijoritajiet prevalenti riċenti oħra, fl-aħħar ġie pospost. Issa l-Kummissjoni tistenna li tadotta r-rapport dwar l-użi minuri fi Frar 2014.

Ir-rapport dwar l-użi minuri jipprevedi l-ħolqien ta' faċilità indipendenti ta' koordinazzjoni ("Segretarjat Tekniku") dwar l-użi minuri li tkun ikkofinanzjata mill-Kummissjoni. L-oġettivi ewlenin ta' din il-faċilità ta' koordinazzjoni huma l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-koordinazzjoni tax-xogħol ta' użu minuri bejn l-Istati Membri u l-partijiet interessati, u l-istimolu tal-armonizzazzjoni.

B'żieda mal-faċilità ta' koordinazzjoni proposta dwar l-użi minuri, il-Kummissjoni se tappoġġa l-ERANET dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Insetti u l-Animali Qerrieda b'referenza speċifika għall-użi minuri (IPM ERANET). L-ERANETs huma strumenti ta' koordinazzjoni tar-riċerka fejn l-Istati Membri jistgħu jikkordinaw l-attivitajiet ta' riċerka Nazzjonali tagħhom u fl-aħħar jiffinanzjaw proġetti konġunti. Xi wħud mill-outputs rilevanti mistennija huma l-immappjar tal-attivitajiet ta' riċerka li għaddejjin u biex tiġi żgurata koordinazzjoni u jitnaqqas it-trikkib bejn il-finanzjament nazzjonali u tal-UE.

Il-koordinazzjoni bejn l-IPM ERANET u l-faċilità ta' koordinazzjoni proposta se tkun essenzjali u fl-aħħar ta' benefiċċju biex fil-ġejjieni jiġu solvuti kwistjonijiet dwar użu minuri fl-uċuħ tar-raba'.

---

<sup>1</sup> ĠU L 309, 24.11.2009

### Disponibilità ta' sustanzi attivi:

Għandu jiġi enfasizzat li bħalissa hemm madwar 450 sustanza attiva approvata u li minn meta ġiet ippreżentata l-petizzjoni l-Kummissjoni ttrattat l-applikazzjonijiet pendenti għal approvazzjoni u konsegwentement ġew approvati ħafna sustanzi attivi ġodda.

Biex tikkoordina u timmonitorja aħjar l-użu ta' awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza skont l-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 il-Kummissjoni ħejjiet Dokument ta' Ħidma dwar Sitwazzjonijiet ta' Emerġenza (SANCO/10087/2013). Dan id-dokument jistabbilixxi l-proċedura għall-Istati Membri meta jagħtu tali awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 53 u jintroduċi l-użu ta' formola ta' notifikazzjoni li ttiprovdi t-trasparenza u l-kjarifika meħtieġa.

L-introduzzjoni ta' dan id-Dokument ta' Ħidma żied l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri fl-għoti ta' awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza u rriżulta wkoll f'rappurtar aħjar lill-Kummissjoni. Fuq bażi regolari l-Kummissjoni tagħmel in-notifikazzjoni ta' awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza riċevuti mill-Istati Membri disponibbli għall-pubbliku.

Madankollu, huwa importanti li l-Istati Membri jżommu l-integrità tas-sistema ta' awtorizzazzjoni. B'mod partikolari, l-awtorizzazzjonijiet ta' emerġenza m'għandhomx jingħataw bħala alternattiva komuni għall-estensjonijiet tal-użu jew forom oħra ta' awtorizzazzjoni standard.

Kif iddikjarat hawn fuq il-Kummissjoni qed taħdem fuq soluzzjonijiet dwar id-disponibilità ta' sustanzi attivi speċjalment għall-użi minuri. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni hija konxja li n-nuqqas ta' soluzzjonijiet għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jkollu effetti potenzjalment negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, minħabba l-possibbiltà ta' użu illegali ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li l-agrikoltura tal-UE għandha tibqa' kompetittiva.

### Parti II: Is-saħħa tal-pjanti

#### L-importazzjoni ta' prodotti tal-pjanti:

Fir-rigward tal-element tal-petizzjoni dwar ir-rekwiżiti fitosanitarji tal-importazzjoni u l-implimentazzjoni ta' limitazzjoni għall-aċċess għas-suq għal prodotti ta' pajjiżi terzi b'mod simili għal dak li l-pajjiżi terzi japplikaw għall-prodotti tal-UE, *[Ir-referenza għall-parti III u r-reċiproċità tidher li hija żball. Fil-parti rilevanti (parti II), il-petizzjoni ma tidhirx li titlob reċiproċità ma' pajjiżi terzi fir-rigward tar-rekwiżiti tal-importazzjoni iżda l-applikazzjoni ta' regoli simili għal dawk ta' xi pajjiżi terzi fir-rigward tan-numru ta' punti ta' dħul, spezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ġonot ta' raba', eċċ.]*, jeħtieġ li jiġi indikat li r-restrizzjonijiet fitosanitarji fuq l-importazzjoni jistgħu jkunu bbażati biss fuq riskji identifikati, f'konformità mal-Ftehim WTO-SPS. Il-Kummissjoni ssegwi l-evoluzzjoni tal-interċettazzjoni tal-importazzjoni u tista' ddaħħal fis-seħħ restrizzjonijiet fuq l-importazzjoni meta ġustifikat. Dan kien il-każ reċentement għall-importazzjoni tal-frott taċ-ċitru mill-Afrika t'Isfel: wara għadd ta' interċettazzjonijiet, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/754/UE introduċiet xi rekwiżiti addizzjonali.

### Parti III: Residwi tal-pestiċida

#### L-importazzjoni ta' prodotti tal-pjanti:

Fir-rigward tal-element tal-petizzjoni dwar ir-reċiproċità (parti III), ir-risposta pprovduta bil-



miktub mill-Kummissjoni fit-18 ta' Lulju 2011 u matul il-laqgħa tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-8 ta' Mejju 2012 għadha tista' titqies bħala komprensiva u aġġornata.